MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2707/2002

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John's Garage Limited kif ukoll l-istess John's Garage Limited**

**vs**

**Mario Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitta mija u sitta u disghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm696.31), dovuti in kwantu ghas-somma ta' sitt mija u wiehed u sebghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm671.31) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lis-socjeta` attrici rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru BAP-814 fid-9 t'April, 2002,**

**gewwa Haz-Zabbar habat mal-vettura numru STV-003 proprjeta` tas-socjeta` John's Garage Limited u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Awissu, 2002, kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra presentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Joseph Buttigieg ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitta mija u sitta u disghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm696.31) bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Awissu, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Awissu, 2002, kontra l-konvenut, u ta' ittra ufficjali ohra presentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------